MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta’ Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Hadush Abayu Kidanu**
**(Numru tal-Pulizija 05NN-085)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Hadush Abayu Kidanu** talli:

Fis-16 ta’ Marzu 2007, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dott. Anthony Vella LL.D. fit-12 ta’ Ottubru 2006 fuq garanzija personali ta’ 5,000 Liri Maltin, u li jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun darba kuljum b’dan illi jekk ma jkunx jista’ jirrapporta kif fuq inghad, ghandu jibaghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih gie obbligat li jirrapporta. Kif ukoll li jekk ibiddel l-indirizz tad-dar, jinforma lill-Pulizija b’dan it-tibdil fi zmien tnax-il siegha minn tali bdil, u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Hadish Abayu Kidanu u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ 5,000 Liri Maltin bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fil-15 ta' Marzu 2007, bħala persuna illi imbarka (jew żbarka), minn (jew) ġo Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti taghtu zmien jerga' jahsibha u spjegatlu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-atti kollha, dawn gew sodisfacentement ippruvati;

Fir-rigward ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati b'wiehed minnhom ikun il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest meta l-imputat harab minn Malta meta kellu jibda jaffaccja guri dwar traffikar ta' persuni. Dan il-ksur huwa certament wiehed gravi.

Il-Qorti tinnota li llum il-gurnata tali reat huwa punit b'terminu ta' prigunerija minn erba' xhur sa sentejn jew bil-piena ta' multa jew it-tnejn flimkien. Madankollu l-Qorti trid tapplika l-piena kif kienet fil-mument li sehh ir-reat, u cioe` fis-16 ta' Marzu 2007 jekk din tagevola lill-imputat. Fil-fatt il-piena preskritta bl-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali qabel ma gie emendat bl-Att XI tal-2015 kienet ta' massimu sitt (6) xhur habs jew multa jew il-multa u l-prigunerija flimkien oltre l-fatt li l-ammont tal-garanzija jista' jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 579 tal-Kodici Kriminali u artikolu 28 tal-Kapitlu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdha ssib lill-imputat **Hadush Abayu Kidanu** hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' xahar (1) prigunerija, filwaqt li tordna illi l-ammont stabbilit bhala garanzija personali fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat 12 ta' Ottubru 2006 fl-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000), illum

hdax-il elf, sitt mija sitta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86), jigi konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta u qieghdha wkoll tirrevoka l-ordni tal-helsien mill-arrest datata 12 ta’ Ottubru 2006 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat.

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex tigi konfiskata l-imsemmija garanzija personali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur